MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

**It-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Michael Debono | Accountant |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**7.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 7.2.1 Korrezzjonijiet

7.2.1.1 Minuta 5.3.13 il-kelma “pateċipanti” issir “parteċipanti” u “irrimaka” issir “irrimarka”

## 7.3 Punti mqajma mill-minuti

7.3.1 Minuta 5.3.1 – Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien għadu ma rċiviex il-*projections* b’*time line* ta’ kif ser jitwettaq il-pjan ta’ ħidma skont kull dekasteru rispettiv.

7.3.2 Minuta 5.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li ma tkomplix ix-xogħol mill-kuntrattur fl-embellishment li qed isir f’tal-Palazz l-Aħmar. Wara diskussjoni l-membri qablu li jekk dan ix-xogħol mhux ser jitkompla dan l-istess kuntratt jiġi xolt u jekk il-liġi tal-kuntratti tippermetti, il-Kunsill imur ghat-tieni offerant. Is-Sindku ppropona sabiex jekk din tkun possibbli l-kuntratt eżistenti jiġi xolt minħabba li l-kuntrattur ma zammx mal-obbligi kuntrattwali tiegħu. Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

7.3.3 Minuta 5.3.4 – Is-Sindku informa lill-membri li minħabba li kien previst li ġej il-maltemp u fid-dawl li kien qiegħed isir xogħol tax-xifting mill-GO plc, ġie suġġerit li ssir sodda tal-konkos ta’ fejn ġej il-monument u l-wiċċ jitgħatta bi żrar. Il-membri qablu unanimament.

7.3.4 Minuta 5.3.6 – Is-Sur Silvio Vella informa lill-membri li l-kuntrattur tat-trasport taċ-Ċentru ta’ Matul il-Jum kien qiegħed jipprovdi *tail lift* sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu.

7.3.5 Minuta 5.3.9 – Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv il-kwotazzjonijiet fuq ir-rivista. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li kienu għadhom qed jinġabru.Is-Sindku informa lill-membri li jekk ma jkunx hemm kwotazzjonijiet sal-laqgħa li jmiss, jinħarġu żewġ *calls,* wieħed għall-editjar u ieħor għal istampar. Il-Membri qablu unanimament.

7.3.6 Minuta 5.3.12 – B’referenza għall-attivita’ tal-Milied Bethlehem f’Santa Venera, is-Sindku informa lill-membri li l-preparazzjonijiet mexjin ġmielhom.

7.3.7 Minuta 5.5.2 – Is-Sindku informa lill-membri li kemm l-Scouts u kif ukoll l-banda kkonfermaw li ser jipparteċipaw fil-Fun Run li ser issir il-Ħadd 24 ta’ Novembru. Is-Sindku qal ukoll li l-Kumitat Festi Esterni ser jagħmlu l-arbli u bandalori. L-ispiza tal-banda ser ikunu €600 u €400 għal Kumitat Festi Esterni.

Il-membri qablu unanimament.

7.3.8 Minuta 5.5.3 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand JCI Malta li hija organizzazzjoni volontarja. Għall-kampanja ambjentali ta’ din is-sena, JCI Malta ddeċidiet li tiffoka li tħawwel is-siġar madwar lokalijiet differenti. JCI qed jippjanaw li jżommu l-avveniment f'lokalitajiet differenti bejn ix-xahar ta’ Novembru jew Diċembru sabiex tkun garantita l-lonġevità tas-siġar imħawwla. Dr. Carabott qed jikkordina dan.

7.3.9 Minuta 5.6.2 – Is-Sur Silvio Vella informa lill-membri li l-quddiesa u l-bibita' li ser isiru fiċ-Ċentru tal-Matul il-Jum għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Santa Venera ser tibda fid-9:15am. Is-Sur Vella informa lill-membri li Joe Demicoli kien ser jagħmel l-animazzjoni.

Is-Sur Vella kompla u fakkar li fl-20 ta' Diċembru 2019 fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, b'rabta mal-festi tal-Milied, ser issir quddiesa bil-pridka tal-Milied, bibita' bil-parteċipazzjoni ta' Joe Demicoli.

Ser issir attivita simili f'Casa Francesco, dettalji jingħataw f'laqgħa oħra.

7.3.10 Minuta 5.6.4 – Is-Sindku informa lill-membri li saru taħdidiet mal-Perit is-Sa Audrey Testaferrata de Noto dwar it-*Traffic Management* tal-inħawi ta' Triq il-Parrocca. Il-Perit infurmat lill-Kunsill li s-servizz tagħha ser ikun provdut minn *Infrastructure Malta* direttament u hi kienet ser tistudja u tagħmel ukoll *traffic count* tal-inħawi.

F'dan il-mument fis-7:50pm is-Sindku talab għas-sospensjoni tal-laqgħa minħabba li kien wasal l-*Accountant* u b'hekk ikun diskuss punt 7.6 tal-Aġenda

## 7.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

7.6.1 Is-Sindku talab lill-*Accountant*, is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti l-*quarterly report* ta' bejn Lulju u Settembru 2019.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku għall-approvazzjoni tal-*quarterly reort*. Il-membri qablu unanimament.

7.6.2 Tender – Bulky Refuse Is-Sindku nforma lill-membri lit-Tender tal-Bulky Refuse ġie aġġudikat mill-Bord u d-Deputat Segretarju ser jaqra ir-rapport tar-rakkomandazzjoni. Id-Deputat Segretarju informa lill-membri lir-rapport joħroġ awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tender. Ir-rapport ikklassifika lill-Offeranti kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Christ Gatt | 000119707 | €4.90 |
| 2 | Jimmy Muscat | 000119333 | €3.98 |

F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona lis-Sur Jimmy Muscat bħala l-offerant li rebaħ din it-tender minħabba li kienet l-irħas offerta. Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

7.6.3 Korsijiet Edukattivi – Is-Sa. Farrugia nfurmat lill-membri li l-korsijiet huma fuq *Social Media* li ser isir fis-17 ta' Jannar 2020. Għar-rigward ta' korsijiet fuq *on-line shopping* u *internet safety* ser tkun stabbilita' aktar 'il quddiem.

Is-Sindku informa lill-membri li bħalissa qed isiru diskussjonijiet ma TCTC sabiex il-Kunsill jerga' jibda jipprovdi korsijiet tal-kompjuter.

Il-Membri qablu unanimament

7.6.4 Bye Law – Billboards/Banners – saret diskussjoni mill-membri dwar din il-bye law hekk kif kienet ġiet preżentata mill-Avukat tal-Kunsill u bl-emedi li kienu saru mill-Kunsillier Dott. Darren Carabott.

Waqt din id-diskussjoni ġie nnutat li hemm eżistenti notifika legali S.L 363.84 il-Bye Laws dwar reklami fuq għamara tat-toroq (Kunsill Lokali Santa Venera) u għaldaqstant irridu naraw li din tiġi nfurzata u naraw ukoll jekk nistgħux tiġi emendata b'din li qed nipproponu.

**7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.4.1 Is-Sindku informa il-membbri dwar korsijiet b'xejn li qed ikunu organizzati mir-Regjun Ċentru. Il-Korsijiet huma dawn:

- *Youth Mental Health* li hu mifrux fuq 14 -il siegħa u ser isir f'Jannar 2020
- *Gaming disorders* li hu mifrux fuq sagħtejn u nofs u ser jiskatta f'Novembru 2019
- *Cyber Security* li hu mifrux fuq 3 sezzjonijiet ta' tlett siegħat –il waħda
- *Expert training programme professional video gaming* li hu mifrux fuq 10 sezzjonijiet ta' sagħtejn –il waħda.

7.4.2 Is-Sindku informa lill-membri dwar il-bokka tax-xelter li hemm fi Triq Kardinal Sciberras li tinfed mal—bokka li hemm fi Triq San Ġorġ. Is-Sindku talab lil Silvio Vella sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet tal-pjanċi tal-ħadid.

**7.5 Rapporti/Korrispondenza**

7.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li ix-xogħol fi Triq il-Brunżar skatta u qiegħed jinbena *culvert* taħt it-triq li hu fond madwar metru l'isfel. Huwa qal li lien hemm mument fejn ix-xogħol kien wieqaf u dan minħabba li kien travu tal-konkos u ħadd mill-periti tagħna ma ried jieħu sogru sakemm ġiet identifikata l-użu tiegħu. Apparti minn hekk is-Sindku qal li waqt li kien qed isir ix-xogħol kien innutat li fil-passat kien sar xogħol ħażin minn entitajiet oħra pubbliċi, tant li kien hemm id-*drains* kollha miżdudin.

7.5.2 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill dwar Skema Finanzjarja 1/2019 fejn ir-Reġjun taċ-Ċentru ser jirrifondi lura sa massimu ta' €2,500 lil kull Kunsill Lokali fuq spejjeż marbutin ma' attivita tal-Milied.

Wara diskussjoni kien hemm qbil bejn il-membri sabiex isir festin għat-tfal fi żmien il-Milied. Ġie maqbul sabiex dan il-festin isir fil-21 ta' Diċembru fl-4:00pm fiċ-Ċentru Parrokjali fejn id-donazzjoni tkun ta' €5. Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jieħu ħsieb din l-attivita'.

7.5.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill dwar Skema Finanzjarja 2/2019 fejn ir-Reġjun taċ-Ċentru ser jirrifondi lura sa massimu ta' €2,000 lil kull Kunsill Lokali biex isisr progett minn xi għaqda fil-komunita'.

Wara diskussjoni kien hemm qbil bejn il-membri sabiex ikunu infurmati l-għaqdiet tal-lokal kollha fejn bħala prijorita' tingħata lil dik l-għaqda li qatt ma tkun ibbenifikat mill-ebda fondi jew għajnuna.

7.5.4 Dott. Carabott staqsa ittiħidx vot dwar l-istqarrija li ġiet ippubblikata fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lil Dott Carabott li fuq press statement m'hemmx għalfejn li jkun hemm deċiżjoni tal-Kunsill.

## 7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ġew preżentati dawn il-Minuti tas-sotto kumitati rispettivi

Is-Sur Silvio Vella ppreżenta il-Minuti tas-Sotto Kumitat għall-Wirt Storiku u tas-Sotto Kumitat għall-Familji u Anzjani.

Is-Sur Kursten Dimech ippreżenta il-Minuti tas-Sotto Kumitat tal-isports u attivitajiet fiżiċi u tfal u tas-Sotto Kumitat tal-Ħarsien tal-Annimali

Is-Sur Joseph Vella ippreżenta il-Minuti li saret tas-Sotto Kumitati tal-Integrazzjoni Socjali.

## 7.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 7.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 814 sa 946.

| | |
|---|---|
| 814 | Work Order |
| 815 | Nitolbu l-permessi |
| 816 | Ħaddiema Assenjati |
| 818 | Nitolbu aktar infromazzjoni |
| 819 | Traffic Management |
| 824 | Work Order |
| 831 | Dawn jistgħu jipparkjaw skont it-tunellaġġ |
| 842 | Nistennew risposta mingħand TM |
| 844 | Ma tistax issir |
| 845 | Contracts Manager |
| 846 | Ħaddiema Assenjati |
| 851 | Work Order |
| 855 | Pulizija |
| 858 | Bankina trid issir mill-ġdid |
| 859 | Huwa skedat li jsir ix-xogħol |
| 863 | Issir work order basta issir bending pole |
| 868 | Contracts Manager |
| 869 | Ma tistax issir |
| 870 | Contracts Manager |
| 871 | ERA |

| | |
|---|---|
| 875 | Ħaddiema Assenjati |
| 876 | Ħaddiema Assenjati |
| 877 | Ħaddiema Assenjati |
| 878 | Contracts Manager |
| 879 | Ħaddiema Assenjati/Contracts Manager |
| 881 | Work Order |
| 892 | Pulizija |
| 898 | Works Order |
| 900 | Diga hemm waħda fil-viċinanzi |
| 902 | TM |
| 903 | Hemm waħda |
| 907 | Pulizija |
| 910 | Diga hemm waħda |
| 917 | Irid jimxi skont il-*legal notice – Banners in Santa Venera* |
| 918 | TM |
| 921 | Contracts Manager |
| 925 | Contracts Manager |
| 928 | Works Order |
| 933 | Contracts Manager |
| 935 | Work Order |
| 936 | Grima & Sons |
| 937 | Grima & Sons |
| 938 | Ħaddiema Assenjati |
| 939 | Ħaddiema Assenjati |
| 940 | Contracts Manager |
| 941 | Grima & Sons |
| 943 | Contracts Manager |
| 945 | Aktar 'il quddiem |
| 946 | Contract Manager |

## 5.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Diċembru, 2019, fis-6.30pm

Konfermati, illum 16 ta' Diċembru, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv